MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 10/2013

**Maria Scicluna**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija fit-30 ta’ April 2013 fejn l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“L-Arbitru*

*Ra d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigruta Soċjali datata 3 ta' Awwissu 2012*

*Ra l-appell tat-30 ta' Awwissu 2012.*

*Ra r-risposta tad-Direttur datata 22 ta' Frar 2013 kif ukoll ir-risposta sussegwenti tas-17 ta' April 2013, flimkien mad-dokumenti kollha li ġew esebiti.*

*Ra illi l-appellant dehret għas-smiegħ u li kienet assistita.*

*Ikkonsidra*

*Illi d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali iddeċieda illi l-appellanti ma kenitx intitolata għall-għajnuna medika għaliex ma kenitx meqjusa bħala l-Kap tal-Familja.*

*Illi rriżulta illi l-appellanti u żewġha kienu għadhom jgħixu fl-istess indirizz u għal din ir-raġuni id-Direttur ma setax ikun sodisfatt illi l-appellanti kienet qet tifforma familja għar-rasha u / jew illi kienet kap tal-familja.*

*Illi rriżulta ukoll illi bejn l-appellanti u żewġha kien hemm kwistjonijiet pendenti fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja dwar il-ħlasijiet ta' retta alimentari u pendenzi oħra. Illi meta l-appellanti talbet permezz ta' rikors illi hija tiġi awtorizzata li timla u tissottometti applikazzjoni għall-għajnuna tal-mard mingħajr il-ħtieġa tal-firma u kunsens ta' żewġha Giuseppe Scicluna ta' disgħin sena, il-Qorti laqgħet it-talba.*

*Illi nonostante id-digriet tal-Qorti tas-7 ta' Frar 2012, tali digriet ma jostakolax lid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali milli japplika l-liġi skond il-Kapitolu 318 u jiċħad l-applikazzjoni datata l-1 ta' Marzu 2012.*

*Għaldaqstant l-Arbitru wara li sema u ra l-provi kollha miġjuba quddiemu huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni tad-direttur hija ġusta u timmerita konferma.*

*Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u d-deċiżjoni appellata qed tiġi ikkonfermata."*

Appellat minn din is-sentenza r-rikorrenti Maria Scicluna bl-ilment illi l-Arbitru għamel evalwazzjoni errata tal-fatti li wasslitu għall-konklużjoni żbaljata u dan għaliex skont l-appellanti, l-Arbitru kellu jieħu in konsiderazzjoni is-sinifikat legali u konsegwenzjali tal-proċeduri ġudizzjarji li kien hemm bejnha u bejn żewġha.

Mill-atti tal-kaz quddiem l-Umpire jistghu jigu spigolati s-segwenti fatti l-aktar saljenti:-

L-appellanti Maria Scicluna applikat għall-għajnuna medika mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.

B'digriet tas-7 ta' Frar 2012 (ippreżentat fil-fajl quddiem l-Arbitru), l-Onorabbli Qorti tal-Familja laqgħet it-talba imressqa mill-appellanti permezz ta' rikors datat 3 ta' Frar 2012 sabiex il-Qorti tawtorizzaha timla u tissottometti l-imsemmija applikazzjoni għall-għajnuna tal-mard mingħajr il-ħtieġa tal-firma u kunsens ta' żewġha Giuseppe Scicluna.

B'digriet tal-Qorti tat-13 ta' Mejju 2013 (fol 16 tal-proċess) il-Qorti ċahdet it-talba tal-appellanti biex 'tordna lid-Direttur tas-Sigurta Soċjali sabiex il-pensjoni tal-mard spettanti lill-istess rikorrenti skont l-applikazzjoni minnha sottomessa titħallas direttament u personalment lill-istess rikorrenti bl-aktar mod assolut u esklussiv.

Dana ghaliex il-Qorti ma setatx taddossa fuqha poteri mhux moghtija lilha bil-ligi izda imhollija unikament fid-diskrezzjoni tad-Direttur tas-Sigurta Socjali. B'deċiżjoni tat-3 ta' Awwissu 2012 id-Direttur tas-Sigurta Soċjali ghadda biex ċaħad it-talba tal-appellanti għall-għajnuna medika peress illi fil-fehma tieghu hija ma kenitx meqjusa bħala kap tal-familja.

Illi fit-30 ta' Awwissu 2012 l-appellanti appellat minn din id-deċiżjoni tad-Direttur quddiem l-Arbitru, illi fit-30 ta' April 2013 ikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur għaliex din kienet tgħix ma żewġha u ma kenitx qedgħa tifforma familja għar-rasha u/jew li kienet kap tal-familja.

Illi l-appellanti tgħid illi bejnha u bejn żewġha kien hemm proċeduri ġudizzjarji u illi dawn il-proċeduri huma r-raġuni għalfejn it-talba tagħha għall-benefiċċju tal-mard kellha tiġi akkolta mid-Direttur tas-Sigurta Soċjali. L-appellanti tgħid fir-rikors tal-appell tagħha illi bejnha u bejn żewġha hemm problemi matrimonjali kbar. Prova ta' dawn il-proceduri gudizzjarji, izda ma tressqux, ghajr ghat-talba taghha maghmula quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex tapplika wahedha ghall-ghajnuna socjali tal-mard.

Ghal finijiet tal-ligi dwar is-Sigurta` Socjali (Kapitolu 318), insibu annoverat fost id-definizzjonijiet provvduti mill-**<u>Artikolu 2</u>** dawn it-tifsiriet ghal kliem meritu tal-kwestjoni nvoluta f' dan il-kaz:-

(i) "*familja*" tfisser "persuna wahda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja";

(ii) "*kap ta' familja*" dwar familja li tkun ta' zewg persuni jew izjed tfisser "dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun il-kap tal-familja";

Fis-sentenza **Maria Victoria Zammit Vs Direttur tas-Sigurta` Socjali**[1] il-Qorti għamlet dawn is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*(1) Il-presunzjoni ghal liema tirreferi l-ligi fil-predett Artikolu 2 tal-Kapitolu 318 hi wahda relattiva jew juris tantum, u mhux wahda assoluta jew jure et de jure. Ghall-aktar approfondiment fuq il-punt ara d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Emma Anderson -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 20 ta' Frar, 2008;*

*(2) Li kieku kien differentement, dik il-presunzjoni, hekk dixxendenti mis-setgha formattiva u diskrezzjonali tad-Direttur, ma tkunx tista' tigi ribattuta, li mhux il-kaz, gjaladarba hi l-istess ligi li tahseb u tipprovdi ghad-dritt ta' appell mid-decizjoni lill-Arbitru. Ara "**Riccarda Cini -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 7 ta' Frar, 2007;*

*(3) Jiddixxendi, imbaghad, minn numru kospikwu ta' sentenzi illi skond l-ordinament guridiku taghna, il-valutazzjoni tal-provi hu rimess ghal liberu konvinciment ta' min hu msejjah biex jiggudika. F'dan il-kuntest ma tezisti ebda gerarkija ta' l-effikacja ta' prova fuq ohra u r-rizultanzi probatorji, ukoll dawk b'kontenut indizzjarju, huma lkoll valutabbli mill-*

[1] Appell Civili Numru. 5/2009 tat-23 ta' Ottubru, 2009

*gudikant b'mod unitarju ghall-iskop tar-raggungiment tal-konvinciment tieghu. Ara "**Shirley Xuereb -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 22 ta' Novembru, 2006;*

L-appellanti tgħid illi l-koabitazzjoni tagħha ma' żewġha teżisti għax hija kostretta minħabba ċirkustanzi partikolari tagħhom, u ċioe l-eta avvanzata u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom.

Fis-sentenza taghha tal-10 ta' Ottubru 2005 re "**Rita Cauchi -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", *din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tissofferma fuq il-portata tat-tifsiriet li l-Att imsemmi jaghti lil kliem "familja" u "kap ta' familja": Fiha nghad li l-espressjoni familja skond kif definita tiddenota ko-abitazzjoni. Kien imbaghad jiddependi mill-apprezzament tac-cirkostanzi fattwali dwar min fost il-membri ta' dik il-familja kellu jitqies bhala l-kap taghha. Minn dan jitnissel illi hekk kif il-ligi titlaq mill-presunzjoni illi tnejn minn nies li jikkoabitaw flimkien taht l-istess saqaf jikkostitwixxu familja, anke jekk dawn ma jkunux wkoll mizzewga, id-determinazzjoni ta' min hu l-kap fosthom fi hdan din il-familja hi mhollija, skond it-test tad-definizzjoni, "fl-opinjoni tad-Direttur".*

Jirriżulta illi l-appellanti u żewgha għadhom miżewwġin kif ukoll għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf flimkien. Kif intqal fis-sentenza hawn fuq ċitata *familja skond kif definita tiddenota ko-abitazzjoni.* Filwaqt illi din il-Qorti tosserva illi dan il-fatt waħdu ta' koabitazzjoni mhux neċessarjament ifisser illi dawn jifformaw familja flimkien, pero jiġi osservat illi minn analiżi tal-fattispeċi partikolari tal-kawża odjerna, ma jirriżultax lil din il-Qorti illi dan mhuwiex il-każ. Illi l-ftehim bejn l-appellanti u żewġha, ippreżentat fil-proċess a fol 15, jirregola x'somma Giuseppe Scicluna għandu jagħti lill-appellanti fix-xahar u dwar kif dan l-ammont għandu jiżdied kull sena. F'dak il-ftehim il-partijiet jirregolaw ukoll min bejniethom għandu jħallas il-kera, il-kontijiet tad-

dawl u l-ilma u min għandu jixtri ċ-ċilindri tal-gass. Dan huwa sempliċiment ftehim sabiex l-appellanti u żewġha jirregolaw is-sitwazzjoni ekonomika ta' bejniethom, u ma huwiex indikattiv illi bejn il-partijiet ma hemmx *familja* u kwindi ma jistax jirriżulta unikament minn din il-prova, illi Maria Sciclcuna qiegħda tifforma familja għar-rasha, ghalkemm tikkoabita ma' zewgha. Ma hemmx proceduri gudizzjarji bejn il-partijet ghal firda personali u ma jidhirx illi l-konjugi ghandhom xi hsieb li jipprocedu f'din id-direzzjoni. Kwindi dina l-Qorti ma tarax illi ghandha xi provi ohra li bihom tista' tasal biex tissostitwixxi id-diskrezzjoni tad-Direttur u dak deciz mill-Arbitru.

Ghaldaqstant fuq l-ezami tal-fatti, din il-Qorti tiddeciedi illi l-objezzjoni sollevata bl-appell tal-appellanti mhux sostenibbli. L-appell ta' Maria Scicluna hu michud u d-decizjoni appellata, konfermata.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------